14 ta' Novembru, 1953.

**Imħallef :**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Il-Pulizija versus Giuseppe Cassar*

**Bejgħ ta' Oġġetti tad-Deheb u tal-Fidda — Boll tal-Gvern — Art. 2 (1) tal-Kap. 94.**

*Il-liġi trid li ebda oġġett tad-deheb jew tal-fidda maħdum fil-Gżira ta' Malta jew fil-Għejjer li jagħmlu magħha ma jista' jiġi minn ħaddiem id-deheb, ħaddiem il-fidda, jew traffikanti oħra, mibjugħ, impartat, jew xorf'oħra mneguzjat, kemm il-darba dak l-oġġett ma jkunx imbullat bil-boll tal-Gvern.*

*Is-sempliċi espożizzjoni għall-bejgħ ta' dawn l-oġġetti tidħol fil-lokuzzjoni adoperata mill-liġi, u għalhekk hija wkoll kontravvenzjoni għal dik il-liġi.*

Fuq l-imputazzjoni illi kiser it-tieni regolament ta' l-Ordinanza tal-Ħaddiema tad-Deheb u tal-Fidda, billi, bħala propjetarju tal-ħanut għall-bejgħ tad-deheb, 211 High Road Ħamrun, *espona għall-bejgħ oġġetti tad-deheb bla ma kienu* imbullati bil-boll tal-Gvern, l-imsemmi Cassar ġie, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-ewwel ta' Settembru 1953, liberat;

L-Attorney General appella;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-appell hu ammissibili, non ostanti l-lokuzzjoni finali adoperata mill-Maġistrat; għax biex ma jkunx hemm lok għall-appell mill-Prosekuzzjoni, jeħtieġ li l-Ewwel Qorti tkun *ikkunsidrat biss il-fatt kif dedott apparti mill-provi, mentri* f'dak il-każ l-istess Qorti, f'dik il-lokuzzjoni finali, adoperat il-kliem "fil-fatt kif pruvat". Del resto, fis-sentenza l-Maġistrat enunċja prinċipju tal-liġi li l-Prosekuzzjoni qiegħda tiddenunzja bħala żbaljat;

Fil-meritu;

Il-liġi — Kap. 74, art. 2 (1), Ediz. Riv. — tgħid hekk: "Ebda oġġett tad-deheb jew tal-fidda, maħdum fil-Gżira ta' Malta jew fil-Gżejjer li jagħmlu magħha, ma jista' jiġi minn *ħaddiem id-deheb, ħaddiem il-fidda, jew traffikanti oħra, mib-*

jugħ, impartat, jew xort'oħra nneguzjat, kemm-il darba dak l-oġġett ma jkunx imbullat bil-boll tal-Gvern". Il-kliem rilevanti għal dan l-appell huma l-kliem "mibjugħ, impartat, jew xort'oħra nneguzjat". Fil-każ in ispeċje, skond il-provi, l-oġġetti (par imsielet tad-deheb u "scarf-pin") kienu esposti għall-bejgħ fil-vetrina ta' l-istabbiliment ta' l-imputat. Il-Maġistrat irritjena li s-sempliċi espożizzjoni għall-bejgħ ma tidħolx fil-lokuzzjoni tal-liġi fuq riportata. Il-Prosekuzzjoni tikkontesta din l-interpretazzjoni;

L-test Ingliż, skond il-Letters Patent ta' l-1947, li jistabbilixxu l-kariga ta' Gvernatur, art. 16 (3), hu dak prevalenti, u dan igħid hekk:— "................ sold, exchanged, or otherwise dealt with in the course of trade". Issa, hu ċar li l-kliem "dealt with in the course of trade" huma ferm kumprensivi, għax bl-espożizzjoni ta' l-oġġetti fil-vetrina n-neguzjant ikun qiegħed jagħmel wieħed mill-attijiet importanti tal-bejgħ, ċjoè dak li fid-dottrina jissejjaħ "offerte al pubblico". Ċert hu li, bl-espożizzjoni ta' l-oġġett in-neguzjant ikun qed iqiegħed l-oġġett fil-kummerċ, għax il-kumpratur eventwali jista' jaċċetta l-offerta inkorporata fl-espożizzjoni, u n-neguzjant, f'ċerti ċirkustanzi, lanqas jista' jirtira dik l-offerta (ara Cod. di Comm. comm. tal-Bolaffio u Vivante, Vol. III, pag. 62). Bl-espożizzjoni, għaldaqstant, l-oġġett ikun "dealt with in the course of trade". L-istudju ożż tikn tad-dispożizzjoni jissussidja din l-interpretazzjoni, inkwantokkè il-lokuzzjoni wżata fit-test antik Taljan kien appuntu "od altrimenti messo in commercio", u appuntu bl-espożizzjoni ta' l-oġġett dan ikun ġie indiskutibilment imqiegħed fil-kummerċ;

Il-liġi kienet issir kawża bla effett kieku kellu jingħad li oġġett jista' jiġi espost għall-bejgħ bla ma jiġi bullat minn qabel; għax allura, kif sewwa osserva l-Avukat tal-Kuruna, kien ikun hemm bżonn li l-Awtorità tibgħat il-funzjonarji tagħha ħdejn il-ħwienet tal-ġjojjellieri biex, malli persuna tixtri oġġett, bħal dawk fuq imsemmija, iżżommu biex taraħ jekk hux bullat;

Kif jidher minn studju komparativ, u mir-rapport elaborat ta' Godfrey Ferris, maħruġ mill-Istamperija tal-Gvern fl-1917, li l-Prosekuzzjoni diliġentement qiegħdet quddiem il-Qorti, id-dispożizzjonijiet dwar dina l-materja ġew maġġjorment regolarizzati fil-Kodiċi De Rohan (ara Lib. VII, Kap. VII), u minnhom jirriżulta li kull opra simili kellha tiġi preżentata lill-Konslu biex tiġi rikonoxxuta u bullàta malli tkun lesta ("fatta e ridotta a perfezione");

Mix-xhieda ta' l-assistent Konslu jirriżulta li l-oġġetti fuq imsemmijin kienu esposti għall-bejgħ bla ma kienu imbullati;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant ħati, u wara li rat l-art. 2 u 17 tal-Kap. 74 Ediz. Riv., tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' l-ammenda ta' £3, fiż-żmien sitt ijiem mil-lum.